Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 52**

**Data:** Il-Tlieta, 10 ta' Marzu 2026
**Ħin:** 18:00
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**52.1 Ittri ta' apoloġiji**

52.1.1 Il-President semma li s-Sur Steven Axisa, Dr. Samuel Azzopardi, is-Sur Charles Bonello u s-Sur Max Zammit talabu li jkunu skużati.

52.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżel skużati.

**52.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 51**

52.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

52.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn H.E Clifford Galea Vella, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**52.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 50**

52.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u H.E, Clifford Galea Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu bejn l-20 ta' Frar 2026 u l-10 ta' Marzu 2026 li kienet tammonta għal €72,666.89.

**52.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 51**

| | |
|---|---|
| **52.4.1 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali** | Il-President semma li kemm l-Assoċjazzjoni kif ukoll il-UĦM għadhom qed jitolbu sabiex ikun hemm aġġornament fil-liġi tal-Kunsilli Lokali, sabiex din tirrifletti aħjar l-eliġibbiltà tal-kandidati għall-postijiet vakanti fil-Kunsilli Lokali. |
| **52.4.2 BCRS** | **Il-President** semma li l-uniku każ li kien hemm s'issa fejn intalbet li tiġi rilokata magna tal-BCRS kien dak tal-Kunsill Lokali tal-Gudja, u li dan iċ-ċaqliq kien xi ftit problematiku. Huwa żied li l-magna ġiet imċaqalqa u li l-ispiża relatata ser tkun koperta mill-BCRS. |
| **52.4.3 EU Multiannual Financial Framework (MFF)** | Il-President semma li nhar id-29 ta' Mejju ser tiġi organizzata sessjoni mal-Kunsilli Lokali u l-MEPs, b'kontribut tad-delegazzjoni Maltija ġewwa Brussell u speakers oħra, sabiex jiġi diskuss il- **EU Multiannual Financial Framework.**<br><br>Il-President semma li kompliet il-ħidma fuq il-proċess *ELoGE* |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**52.4.4 ELoGE** mal-14-il Kunsill Lokali li wrew interess li jibdew il-ħidma tagħhom sabiex jiksbu l-akkreditazzjoni. Huwa żied li qed jiġu ppubblikati l-kotba ta' linji gwida, filwaqt li qed jiġu strutturati s-surveys mill-ISIG sabiex jitqassmu lill-Kunsilli Lokali.

**52.4.5 Prime Minister School** Il-President semma li l-programm huwa lest, filwaqt li l-akbar sfida f'dan l-istadju hija li jinstabu parteċipanti li huma interessati li jkunu parti minn dan il-proġett.

**52.4.6 Tenders – Skeda 16** Il-President semma li saret laqgħa mad-Direttur tal-Procurement, fejn intlaħaq qbil sabiex issir talba konġunta lid-Dipartiment tal-Kuntratti (DoC) u jibda l-proċess sabiex l-AKL u r-Reġjuni jerġgħu jiġu klassifikati taħt Skeda 3, minflok Skeda 16.

**52.4.7 Kawża ta' Xhieda** Il-President semma li l-Assoċjazzjoni tħarrket biex tixhed f'każ miftuħ minn eks membri tal-istess Assoċjazzjoni kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, relatat ma' każ preċedenti li dawn rebħu reċentement dwar xiri ta' biljetti tal-ajru. Huwa żied li l-istess partijiet fetħu wkoll kawża għad-danni allegatament sofferti.

**52.5 Komunikazzjoni mill-President**

52.5.1 Il-President semma li qed jipproponi li, flimkien mal-Ministeru tal-Intern, tiġi organizzata ġurnata ta' għarfien dwar ir-reżiljenza. Huwa żied li jkun hemm programm li jinvolvi lill-CPD, l-enforcement u entitajiet oħra li jipprovdu l-ewwel għajnuna.

52.5.2 Il-President semma li fil-jiem li ġejjien kif kien pjanat ser issir iż-żjara f' San Patringno.

52.5.3 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed titlaq b'delegazzjoni ta' madwar 40 parteċipant lejn Sardinja, bħala parti mill-proġett *SoUSeEU*. Id-delegazzjoni ser tinkludi lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, lid-Direttur Ġenerali u rappreżentanti oħra mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, kif ukoll sindki, kunsilliera, segretarji eżekuttivi u ħaddiema oħra.

52.5.4 Il-President semma li l-Committee of the Regions ikkomunika mal-Assoċjazzjoni fejn talabha terġa' tipparteċipa fil-programm *TIPS4UA*. Huwa żied li delegazzjoni Ukrena ser tkun f'Malta waqt l-ALDA Festival.

52.5.5 Il-President semma li t-taħriġ għall-impjegati fi Skala 16 sabiex jiksbu l-MQF Level 3 ġewwa l-MCAST għaddej bil-koordinazzjoni u mistenni jibda nhar it-28 ta' April.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

52.5.6 Il-President semma li, għal darb'oħra, l-Assoċjazzjoni ser tipparteċipa fil-*MCAST Teens Camp*.

52.5.7 Il-President semma li ġiet iffinalizzata l-position paper tas-SEDEC f'isem id-delegazzjoni Maltija fuq is-settur tad-diżabilità.

52.5.8 Il-President semma li ġew iffinalizzati linji gwida għall-attivitajiet tal-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-immaniġġjar tar-riskji, u li ser jiġu organizzati korsijiet b'kollaborazzjoni mal-Occupational Health and Safety Authority.

52.5.9 Il-President semma li ser ikun hemm bidla fil-chart of accounts kif rikjest mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa spjega li dan jinvolvi xogħol ta' bookkeeping u inputting mill-bidu sabiex tiġi mmappjata chart of accounts ġdida, kif ukoll ix-xiri ta' liċenzja tas-*Sage* cloud-based.

52.5.10 Il-President semma li nhar is-26 ta' Marzu ser issir information session dwar bus shelters.

52.5.11 Il-President semma li l-kotba tal-qari għat-tfal tal-primarja kienu lesti u bħalissa qed jiġu stampati. Huwa żied li matul ix-xhur li ġejjin ser tingħata spinta lill-proġett, inkluż il-ħolqien ta' video clip relatat mal-kanzunetta.
Semma wkoll li l-mascot qed jiġi aġġornat, peress li ntuża f'diversi attivitajiet tal-Kunsilli Lokali, u li dan ser jippermetti t-tnedija uffiċjali tal-pakkett sħiħ tal-proġett.

52.5.12 Il-President semma li qed jinħolqu video clips relatati mal-viżjoni tal-AKL, bil-għan li tibda kampanja promozzjonali.

52.5.13 Il-President laqa' l-ilmenti mressqa mill-membri, inklużi l-Presidenti Reġjonali, li għall-attività nazzjonali tat-tnedija ta' Vision 2050, is-Sindki u l-Presidenti Reġjonali ma kinux mistiedna.

**52.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-sena 2025 – Management Letter u Risposta**

52.6.1 Il-President talab lill-Eżekuttiv għall-approvazzjoni tar-rapport hekk kif preżentat flimkien mad-dokumenti sottomessi mill-awdituri, il-management letter u risposta ghaliha. Fuq proposta tal-president u wara li inghatat spjega issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-sur Sandro Azzopardi, l-ezekuttiv approva id-dokumenti kif prezenatti.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**52.7 Komunikazzjoni mill-Membri**

**52.7.1** Chev. Paul Farrugia semma l-laqgħa li kellu mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fir-rigward tal-live streaming tal-laqgħat tar-Reġjuni. Huwa talab lill-President Reġjonali sabiex, flimkien, issir komunikazzjoni konġunta lid-DLG bil-għan li tiġi proposta emenda legali, peress li l-laqgħat tar-Reġjuni ma jkunux neċessarjament jinvolvu materji li jaffettwaw direttament lir-residenti, iżda jkunu indirizzati lejn il-Kunsilli Lokali.

**52.7.2** Is-Sur Jesmond Aquilina staqsa jekk kienx hemm xi aġġornamenti dwar it-Tribunali Lokali, peress li ma kienx hemm aktar komunikazzjoni mill-aħħar laqgħa li kienet saret mas-Segretarju Permanenti tal-Ġustizzja.

**52.8 Aġġornament**

52.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 28 t' April 2026 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**